**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Illum it-12 ta' Ottubru 2021**

**Kaz Numru 618/2019**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**Vs.**

**Antonio Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat **Antonio Vella, iben Gio Maria u Angela nee` Piscopo, imwieled Zejtun nhar is- 27 ta` Novembru 1955, residenti 28, il-Girna, Triq Toni Zahra, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` numru 808755(M)**

**BILLI int akkuzat** talli f`dawn il-Gzejjer nhar is- 25 ta` Frar 2019 u fil-granet ta` qabel u fix-xhur ta` wara din id-data, b`diversi azzjonijiet maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru `l istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b`rizuluzzjoni wahda gewwa 28, il-Girna, Triq Toni Zahra, Zejtun u/jew fil-vicinanzi: (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta):

Zammejt klieb fejn gieghltom isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u abbandunajt `l istess annimali (Art 8(2) Kap 439)

Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu, lok, hinijiet u cirkostanzi zammejt annimali jew qbilt li zzomm annimali u ma kontx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom. (Art 8(3) Kap 439)

Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu, lok, hinijiet u cirkostanzi ma hadtx dawk il-passi ragonevoli f`kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigijiet ta` annimali/i li kont reponsabbli ghalihom, jew li qbilt li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-animali. Ghall-ghanijiet ta` dan is-subartikolu, htigijiet ta` animal tinkludi l-provvista ta` ambjent xieraq, provvista ta` dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imgieba normali tieghu, provvista ta` akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali ohra fejn mehtieg, u protezzjoni minn ugigh, tbatija, korrimenti u mard. (Art 8(4) Kap 439)

Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu, lok, hinijiet u cirkostanzi zammejt ristrett fi kwalunkwe hin b`hekk li ikkawzajt lilhom tbatija jew griehi. L-klieb kellhom jinghataw l-ispazju xieraq ghall-bzonnijiet fizjologici u etologici skont l-esperjenza u taghrif xjentifiku stabbiliti, Kellu jkollom spazju mhux anqas minn dak preskritt bil-ligi u c-cirkolazzjoni tal-arja, livelli ta` trabijiet, temperature, umdita' relattiva tal-arja u l-koncentrazzjoni ta` gass kellhom

jinzammu fl-limiti li ma jkunux ta` dannu ghall-klieb (L.S. 439.21 (Reg. 4) 1,2,3)

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma avzajt lid-Direttur fi zmien sebat ijiem meta kelb/klieb jkollu jmut jew jigi trasferit minn sidu jew mid detentur tieghu (sub-inciz (5) Tal-Artikolu 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Art 5(10) A.L.199/2011 (L.S 437.101)

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar id-9 ta' Lulju 2020.[3]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha aktar provi xi tressaq nhar il-11 ta' Jannar 2021.[4]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-prosekuzzjoni titratta bis-sottomissjonijiet finali fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2021.

Rat li d-difiza talbet li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet sal-21 ta' Gunju 2021, liema talba giet milqugha.[5]

---

[1] Folio 67 ta' l-atti processwali
[2] Folio 70 ta' l-atti processwali
[3] Folio 248 ta' l-atti processwali
[4] Folio 318 ta' l-atti processwali

Rat li d-difiza baqghet qatt ma ntavolat nota ta' sottomissjonijiet anke wara d-data tat-terminu u l-Qorti kkoncediet estensjoni.

Rat li d-difiza baqghet qatt ma intavolat nota ta' sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-15 ta' Mejju 2018 meta ufficjal mid-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, ghamlu spezzjoni fuq il-properjeta ta' l-imputat u sabu li kien hemm diversi ksur ta' regolamenti fuq iz-zamma ta' l-annimali u numru konsiderevoli ta' klieb li kienu maltrattati u mizmumin f'stat hazing had-detriment taghhom.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2019 xehdet **Elaine Camilleri**, uffiċjal tal-*Animal Welfare.* Hija kkonfermat illi kienet involuta fi spezzjoni li saret fid-dar tal-imputat Antonio Vella. Din l-ispezzjoni saret fit-30 ta' Marzu 2019 u x-xhud kienet akkumpanjata minn Aaron Gatt. Fid-dar kien hemm ammont kbir ta' klieb jiġru u kien hemm riħa ta' urina u ħmieġ tal-annimali mal-art. Kien hemm ammont ta' klieb li kienu imsakkrin f'gaġġeġ fil-kċina, fil-kamra tas-sodda u fil-garaxx. Fil-gaġġeġ, li kienu pjottost żgħar, kien hemm bejn hames (5) u sitt (6) iklieb. Minn eżamijiet li saru, il-biċċa l-kbira tal-klieb kienu

[5] Folio 323 ta' l-atti processwali

*microchipped* però kien hemm madwar 14 li ma kinux reġistrati. Kien hemm ukoll ghaxart (10) iklieb li kienu reġistrati fuq il-mara tal-imputat li llum hija deċeduta u kien hemm tnejn (2) li kienu fuq terza persuna. B'kollox kien hemm wiehed u erbghin (41) kelb. Bħala razza, il-maġġoranza tal-klieb kienu Cavalier King Charles Spaniel u kien hemm xi oħrajn tat-tip Tal-Fenek, Rough Collie, Chow Chow u Shih Tzu. Ix-xhud spjegat li mill-lat ta' kura, il-*grooming* tal-klieb ma tantx kien wieħed tajjeb u kienu maħmuġin. Mistoqsi għalfejn kellu daqstant klieb, l-imputat kien spjega li kien dilettant tal-konkorsi tal-klieb u kien indika xi medalji li kien rebaħ. Ix-xhud innotat li l-klieb li kienu qed iduru fid-dar kellhom kundizzjoni konsiderevolment aħjar minn ta' dawk ta' ġol gaġġeġ, li kienu ukoll pjuttost magħlubin. Ix-xhud ippreżentat kopja tar-rapport li hija ppreparat flimkien ma Aaron Gatt. In kontro-eżami, ix-xhud iċċarat li mill-lat ta' grooming, il-klieb ħafna għoqiedi speċjalment fil-widnejn u l-pil kien maħmuġ. Ix-xhud giet riprodotta in kontro-eżami fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 fejn hija spjegat li *body score* tfisser jekk kelb ikunx mislut jew le. F'każ li jkun, ifisser li jkollu nuqqas ta' proteina fid-dieta tiegħu. Ix-xhud iċċarat li l-klieb li kienu fid-dar kellhom *body score* pjuttost tajjeb iżda ta' dawk li kienu fil-garaxx ma kienx ideali.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Aaron Gatt**, uffiċjal tal-*Animal Welfare* li kkonferma li kien preżenti flimkien ma Elaine Camilleri waqt spezzjoni li saret fit-30 ta' Marzu 2019 ġewwa dar fiż-Żejtun. Fuq il-post kien hemm l-inputat Antonio Vella li kien jaqa' lill-ispetturi. Kien jinstema' ħafna inbieħ tal-klieb anke' minn barra d-dar u fuq ġewwa kien hemm 41 kelb b'kollox. Mal-art kien hemm ħafna ħmieġ tal-klieb u ħafna urina tant li bil-kemm wieħed seta' jimxi sew. In segwitu ta' investigazzjonijiet li saru, irriżulta li 14 mill-klieb ma kienux irreġistrati filwaqt li 10 klieb oħra kienu registrati fuq il-mara tal-imputat li kienet ġiet nieqsa. Kien hemm 2 klieb oħra li kienu reġistrati fuq terzi persuni. Fl-ispezzjoni kien ġie nnutat li kien hemm għadd

ta' klieb fil-garaxx magħluqin ġo gaġeġ fejn l-ispazju kien ristrett. Id-daqs approssimattiv tal-gaġġeġ kien ta' madwar 2m x1.5m u ġo kull gaġġa kien hemm bejn 5 u 7 klieb li kien tar-razza Cavalier King Charles Spaniel. Jiġru mad-dar kien hemm numru ta' klieb oħrajn li kienu jinkludu Tal-Fenek, Rough Collie u Chow Chow. Ix-xhud irrimarka li l-klieb in ġenerali ma kienux kurati kif suppost u kienu miżmuma fi stat maħmuġ ħafna u mill-lat ta' nutrizzjoni kienu jidhru pjuttost magħlubin.

Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020 xehed **Malcolm Vella Haber**, ufficjal tas-Sanità li stqarr li fis-27 ta' Settembru 2019 ghall-habta tad-09:15hrs saret spezzjoni kongunta flimkien mal-Animal Welfare u l-pulizija gewwa l-fond 28, Triq Toni Zahra, iż-Żejtun. F'din id-dar kienu qed jinżammu ċirka ħamsin kelb ta' speċi differenti li kienu kullimkien, ġol-kċina, fuq il-bejt, fil-kuruturi u ġewwa gaġġeġ ġol-garaxx. Ir-riħa kienet waħda qawwija ħafna. Ix-xhud innota li l-imputat kellu miegħu fir-residenza sitt impjegati li qal li kienu qed jaħdmu bħala cleaners. Minn naħa tas-sanita', inħarġet ordni sabiex id-dar tiġi diżinfettata u inħarġet ukoll *abatement notice* u jekk ma jobdiex din l-abatement notice mbagħad jibdew il-proċeduri legali appożiti. Ix-xhud stqarr li fl-4 ta' Frar 2020 saret spezzjoni oħra u nstab li ftit li xejn kien inbidel u s-sitwazzjoni kienet għadha waħda ħażina.

Fl-istess seduta xehdet **Fiorita Maria Sammut**, uffiċjal tal-*Animal Welfare.* Hija ukoll kienet preżenti waqt l-ispezzjoni tas-27 ta' Settembru 2019 u attendier ukoll għal spezzjoni oħra li saret fl-10 t'Ottubru 2019. Skont ix-xhud, ħaġa li spikkat illi fil-garaxx kien hemm għadd ta' klieb miżmuma ġewwa gaġġeġ li waħda minnhom kull ma kien fiha kien 1.65 metru kwadru u ġo fiha kien hemm żewġt iklieb. Kull kelb suppost ikollu 2 metri kwadri għalih. Fit-tieni gaġġa, li kien fiha 2.106 metri kwadri kien hemm tlett iklieb u t-tielet gaġġa kien fiha 2.045 metri kwadri. Anke' ġewwa d-dar, kien hemm wisq klieb għal

kemm kien hemm spazju. Mill-lat ta' microchips, il-maġġoranza assoluta tal-klieb kienu reġistati fuq l-imputat iżda kien hemm ftit li kienu fuq il-mara tiegħu, fuq it-tifla u fuq terzi persuni. Bħala proċedura suppost li meta kelb jibdel l-idejn, jiġi reġistrat it-trasferiment tiegħu.

Fl-istess seduta xehed **Dr Luke Vella Verzin**, Veterinarju mal-*Animal Welfare*. Huwa kien preżenti personalment waqt żewġ spezzjonijiet – dik tas-27 ta' Settembru 2019 u dik tal-10 t'Ottubru 2019. Fuq il-post kien hemm intiena qawwija ta' awrina u ħmieġ tal-klieb. Fil-garaxx kemm hemm ħafna klieb ġo gaġeġ żgħar. Kien hemm ukoll ħafna klieb f'kull kamra tad-dar u fuq il-bejt. Il-gaġeġ kienu żgħar ħafna skont il-liġi u kienu fi stat perikoluż għall-klieb minħabba li kien fihom pa]rtijiet tal-ħadid imsaddad. Uħud mill-klieb kellhom problema b'għajnejhom. Ix-xhud spjega illu meta huwa kellem lill-imputat fuq in-nuqqasijiet li kien hemm, dan irreaġixxa b'mod amikevoli u qal li ser jirranġa l-affarijiet. Madankollu, meta saret it-tieni spezzjoni, ftit li xejn kienu tranġaw l-affarijiet. Ix-xhud gie riprodott in kontro-ezai fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 fejn huwa spjega li l-ispezzjoni tal-10 t'Ottubru 2019 ma kienitx sorpriza izda l-imputat kien ajf biha.

Fl-istess seduta xehed **Joseph Cassar**, uffiċjal tal-*Animal Welfare* li ukoll kien preżenti għaż-żewġ spezzjonijiet. Huwa kkorrobora dak li xehdu uffiċjali oħrajn tal-istess dipartiment fis-sens li fid-dar tiegħu kien hemm madwar 50 kelb kelb li kienu miżmuma f'kundizzjonijiet ħżiena, numru minnhom ġo gaġeġ ta' daqs żgħir antiki msaddin li kienu ta' periklu għall-klieb. Ix-xhud gie riprodott in kontro-ezami fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020. Huwa kkonferma li fit-22 ta' Settembru 2020 gew ikkonfiskati sebat iklieb mid-dar

tal-imputat. L-uniċi żewġt iklieb li kien baqa' issa qiegħdin f'residenza f'Birżebbuġa u jinsabu f'kundizzjoni tajba. Fuq il-post ma hemmx gaġġeġ.

Fl-istess seduta xehdet **Silvania Cassar Gauci**, uffiċjal tal-*Animal Welfare*. Hija kinet preżenti għall-ispezzjoni li saret fl-10 t'Ottubru 2019 konġuntament mad-dipartiment tas-Sanità. Ix-xhud ikkorroborat dak kollu spjegat mill-uffiċjali l-oħrajn u in partikolari, rrilevat li l-qisien tal-ġaġġeġ li kienu fihom il-klieb kienu ferm iżgħar mid-daqsijiet preskritti tant li kien hemm minnhom li suppost anqas kelb wieħed ma joqgħod u kienu qegħdin tlieta. Skont ix-xhud, tenut kont tal-fatt li kien hemm tlett ibtan ta' ġriewi ma ommhom, l-imputat jikkwalifika bħala breeder u allura kellu jkun reġistrat mal-*Animal Welfare* skont il-liġi.

Fl-istess seduta xehed **Stephen Carabott**, uffiċjal tal-*Animal Welfare*. Huwa għamel spezzjoni fid-dar tal-imputat flimkien ma Silvio Farrugia. Fuq il-post kien hemm diversi klieb f'garaxx, f'kamra tagħti għall-bitħa u fuq il-bejt u fil-kċina u anke xi klieb jiġru mad-dar kollha wkoll, bejn wieħed u ieħor 50 kelb. Diversi klieb kienu miżmumin ġo gaġeġ mhux adekwati bħala daqs. Il-parti l-kbira tal-klieb kienu tar-razza Cavalier King Charles Spaniel u kien hemm ftit ta' razzez oħrajn. Fuq il-post kien hemm ħmieġ żejjed, il-pil tal-klieb kien mgħaqqad iżda kellhom *body socre* ġeneralment aċċettabbli. Ix-xhud ġie riprodott in konro-eżami fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020. Huwa stqarr li l-maġġoranza tal-klieb kienu jidhru f'saħħithom għalkemm ikkwalifika li huwa m'huwiex veterinarju.

Fis-sedut tal-5 ta' Marzu 2020 xehdet **Grace Vella** li spjegat li hija gara tal-imputat u li konsegwenza tal-agir tal-imputat, qed issofri inkonvenjent kontinwu minhabba inbieh tal-klieb u riha ta' hmieg u awrina li tinxtamm kemm minn fuq il-bejt tal-fond taghha kif ukoll min gol-bitha. Fir-rigward tal-

inbieh, spjegat li dan jibda' ghall-habta tas-sitta ta' filghodu. Skont hi, dawn il-problemi ilhom ghaddeja ghadd ta' snin u ma battietx.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Jesmond Grima**, li ukoll huwa gar tal-imputat li bhax-xhud ta' qablu, stqarr li huwa kien qed jiffaccja inkonvenjent minhabba inbieh u ntejjen ikkawzati mill-klieb tal-imputat. Minn naha tieghu kien ghamel diversi rapport ma ghadd ta' awtoritajiet. Skont ix-xhud, il-problema ilha ghaddejja ghal madwar sentejn minhabba li zdied l-ammont ta' klieb mizmuma fid-dar. Irrakkonta ukoll incident fejn kelb minn tal-imputat kien spicca qabez ghal fuq il-bejt tieghu, u minhabba f'hekk kellhom jissejhu fuq il-post ufficjali tal-Animal Welfare.

Fl-istess seduta xehed ukoll gar iehor tal-imputat, **Leon Vella**, li stqarr li huwa jsib problema minhabba l-fatt li meta l-imputat jahsel id-drive-inn tieghu, ilma mnigges bil-hmieg tal-klieb jisklua ghal got-triq bl-inkonvenjent kollu li dan igib mieghu. Spjega li din il-problema ilha ghaddeja ghal madwar sentejn u kien hemm okkazjonijiet fejn kien avvicina lill-imputat u talbu sabiex jindirizza s-sitwazzjoni. Ilmenta ukoll minn storbju kkawzat mill-inbieh tal-klieb.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Angelo Gravina**, gar iehor tal-imputat, li kkonferma illi huwa kien ghamel xi rapport dwar klieb jinbhu li kienu fir-residenza tal-imputat. Ilmenta ukoll minn irwejjah ta' awrina tal-klieb, tant qawwija li ma jkunx jista' jiftah il-bieb ta-bitha. Skont hu, kien ilu madwar itt jew seba snin ikellem lill-imputat sabiex iwaqqaf il-problema. Ix-xhud stqarr li fl-ahhar zmien, il-problema ttaffiet minhabba li naqas l-ammont ta' klieb.

Fl-istess seduta xehed **Saviour Farrugia**, ufficjal tal-*Animal Welfare*. Ix-xhud spjega li fi Frar 2019 kienet saret spezzjoni f'dar fi Triq Toni Zahra, iz-Zejtun

in segwitu ta' rapporti li kienu dahlu. Fuq il-post kien instab certu Antoine Zahra. Waqt din l-ispezzjoni, huwa kien akkumpanjat mill-kollega Stephen Carabott u kieu nstabu madwar 47 kelb li kienu f'kondizzjoni hazina hafna f'ambjent mill-aktar mahmug. Uhud mill-klieb kienu mizmuma gewwa gageg ta' daqs anqas minn dak permessibbli. Kienu ighataw direttivi dwar titjib li kellu jsir fil-kondizzjoni tal-klieb. Regghat saret spezzjoni ohra f'Settembru 2019 bhala *follow-up*. Is-sitwazzjoni baqghet l-istess biss kienu naqsu zewgt iklieb biex b'hekk nizlu 45 b'kollox.

Il-post kien ghadu mahmug u kien ghad hemm intejjen ma kullimkien. Ix-xhud gie riprodott in kontro-ezami fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 fejn huwa rega kkonferma li bejn spezzjoni u ohra, ftit li xejn kien tranga minn naha tal-imputat.

Fl-istess seduta xehed **Noel Montebello**, Direttur tal-*Animal Welfare*. Ix-xhud iccara illi huwa ma kienx mar fuq il-post imma baghat ufficjali tad-dipartiment. Spjega li fuq dan il-kaz saru xejn anqsa minn hames spezzjonijiet. Minn dawn l-ispezzjonijiet irrizulta li kien hemm kundizzjoni mhux xierqa fejn jinzammu l-annimali, fosthom issib annimali li jkollhom il-pil taghhom maqghud, annimali li qed jghaddu minn certu tbatija. Ix-xhud spjega li sal-ahhar spezzjoni li saret, f'Ottubru 2019, il-kundizzjonikienet immeljorat ftit fis-sens li kien sar xitindif izda l-ammont ta' klieb kien ghadu kbir wisq. Ghalhekk kienu gew ikkonfiskati xi klieb u gew mhgoddija lill-NGOs sabiex tinstab dar gdida ghalihom rispettivament.

Fl-istess seduta xehed **Kevin Galea**, ufficjal tad-dipartiment tas-Sanità, li spjega li d-dipartiment kien ircieva rapporti dwar irwejjah, hmieg, u zamma ta' klieb fid-dar tal-imputat, 28, Triq Toni Zahra, Zejtun. Saru ghadd ta' spezzjonijiet in konnessjoni mal-imputat, liema spezzjonijiet saru fis-6 ta'

Gunju, 2016, fl-ewwel t'Awwissu, 2017, fil-11 ta' Dicembru, 2017, fis-26 ta' Gunju, 2018, fis-16 t'April 2018, fit-8 ta' Lulju 2018, fis-26 ta' Settembru, 2019, u fl-4 ta' Marzu 2020. Mill-investigazzjonijiet kien irrizulta li l-imputat kellu madwar hamsin kelb fuq il-post, kellu l-irwejjah u instab xi hmieg ukoll. Kien inhareg avviz mis-Sanità biex inaddaf. Fl-10 t'Ottubru 2019 saret *follow-up* u hmieg ma kienx hemm, kienu tbajjdu xi hitan izda xorta kien ghad hemm irwejjah. Min-naha tieghu, ix-xhud iccara illi huwa mhuwiex kompetenti li jixhed dwar l-istat tas-sahha tal-klieb. In kwantu l-irwejjah li kien hemm, ix-xhud spjega li probabbilment dawn kieu kkawzati mill-awrina tal-klieb. Minhabba li kien hemm klieb jigru ma kullimkien, kien car li dawn kienu jaghmlu l-bzonnijiet taghhom kull fejn ifettlilhom u allura kien hemm intejjen mad-dar kollha. Ix-xhud spjega li fl-ispezzjoni li saret fl-4 ta' Marzu 2020, kien car li kien hemm hafna anqas klieb fid-dar u l-irwejjah naqsu konsiderevolment.

Fis-seduta tat-22 t'Ottubru 2020 xehed **l-imputat Antonio Vella**. Huwa kkonferma li bħalissa għandu madwar 35 kelb, liema klieb qiegħdin f'post Birżebbuġa li huwa iżjed addattat għall-bżonnijiet tagħhom, partikolarment minħabba li hemm iżjed distanzi u f'dan il-post m'hemm l-ebda gaġġeġ. Huwa spjega li ħafna mill-klieb li kellu kienu "*past their age*" minħabba li kienu qabżu l-età ta' tnax-il sena u allura kien qed iżommhom sakemm imutu mewti naturali minħabba li ma kellux qalb iraqqadhom. L-imputat ikkonferma li kienu saru tlett spezzjonijiet fil-post ta' Birżebbuġa sabiex jaċċertaw dwar il-kundizzjoni tal-klieb u l-konklużjoni kienet li l-klieb kienu jidhru kuntenti. Spjega li huwa jikkompeti bil-klieb fil-wirjiet u eżebixxa numru ta' ċertifikati li huwa kiseb f'dan is-settur. Ippreżenta ukoll għadd ta' ċertifikati ta' vaċċini li jirċievu l-klieb mingħand il-veterinarju.

**Ikkunsidrat**

**Provi mressqin**

Il-prosekuzzjoni esebiet il-kwerela tad-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, Promozzjoni u Servizz fil-konfront ta' l-imputat li ggib id-data 27 ta' Frar 2019.[6] Din il-kwerela giet ikkonfermata mix-xhud Noel Montebello[7] fil-kapacita tieghu bhala Direttur tal-*Animal Welfare*.

Gew esebiti wkoll zewg rapport - *Animal Welfare Inspection Report*[8].

L-ewwel rapport li jgib id-data 29 ta' Marzu 2018 jirraporta li ufficjali tad-dipartiment marru fir-residenza ta' l-imputat wara li kien sar rapport. Meta marru fuq il-post sabu wiehed u erbghin klieb ihambqu. Id-dar kellha riha tinten ta' awrina u hmieg ta' l-annimali. Il-maggjoranza tal-klieb kienu mizmuma gewwa l-garage. Filwaqt li dawk mizmuma gewwa d-dar kienu fi stat tajjeb dawk li kienu fil-garage ma kienux u kien qeghdin jinzammu f'gageg mhux adegwati ghalihom b'igene hazina.

Mir-ritratti esebit mar-rapport jidher b'mod car il-kundizzjoni hazina li fiha kienu qeghdin jinzammu dawn il-klieb.

Bhala konkluzjoni, fir-rapport taghhom, l-ufficjali kkonkludew:

*"Owner did not co-operate, dogs still needed grooming, pens were still small, bad smell was still evident."*[9]

Mit-tieni rapport esebit li ggib id-data 21 ta' Frar 2019 irrizulta li nstabu erba' w erbghin (44) kelb u tlett griewi. F'din l-ispezzjoni sabu l-klieb jew jigru

---

[6] Folio 5 ta' l-atti processwali
[7] Folio 205-207 ta' l-atti processwali
.[8] Folio 8 – 66 ta' l-atti processwali
[9] Folio 25 ta' l-atti processwali

wahidhom fil-kcina jew imsakkrin go gageg mhux adegwati ghalihom. Is-sid tal-klieb spjega li l-klieb kellhom gageg alternattivi imma minhabba li kien dahallu l-ilma minghand il-gar tieghu kellu johrog il-klieb minn hemm.

In konkluzjoni tar-rapport l-ufficjali ikkumentaw:

*"A general comment of all the dogs inspected is that* ***all the dogs have an acceptable body score, had some bowls with water available during the inspection, most of the dogs have their coat entangled and need immediately a good groom of their coat and regarding the dogs locked in cages, were found not suitable for them due to their size and number of dogs locked inside****.*

*Considering the large amount of dogs in this dwelling, it was inevitable that a bad smell could be scent during the inspection although a woman was washing the floor during the time of the inspection. We told Mr Vella to consider the option to reduce the number of dogs since he's living in a residential area."*[10]

L-imputat stqarr mal-ufficjali li whud minn dawn il-klieb kienu jippartecipaw f'kompetizzjonijiet u kienu ta' spiss jirhbu meta kienu jiderigihom hu jew martu meta kienet ghadha hajja.

Fit-tieni rapport, ir-ritratti juru l-istess nuqqasijiet u l-istat hazin li kienu jinsabu fih dawn il-klieb.

Bhala kumment finali fir-rapport l-ufficjali jikkumentaw

*"Most dogs needed grooming as it is unhealthy for their skin."*[11]

Mix-xhieda ta' Elaine Camilleri[12] li tahdem fi hdan il-*Animal Welfare* irrizulta li kienet ghamlet spezzjonijiet fir-residenza ta' l-imputat gewwa z-Zejtun. Ix-xhud kienet ghamlet spezzjoni nhar it-30 ta' Marzu 2019.

[10] Folio 29 ta' l-atti processwali
[11] Folio 66 ta' l-atti processwali
[12] Folio 71-79 u 262-266 ta' l-atti processwali

Waqt din l-ispezzjoni gie osservat:

*"X'hin dahlna ovvjament kien hemm ammont kbir ta' klieb jigru go din id-dar plus li kien hemm riha ta' urina u xi hmieg u hekk. L-ammonti ta' klieb li, kien hemm ftit imsakrin fil-kcina, ftit fil-bedroom, kien hemm e klieb fil-garaxx li huma go cages emm differenti. Kien hemm about seven or eight u kien hemm aktar minn wiehed go kull minn dawn il-gagga, jigifieri, kien hemm ftit kellhom hamsa, kien hemm ftit kellhom sebgha."*[13]

Minn dawn il-klieb li sabu, kien hemm madwar erbatax li ma kienux registrati.

B'kollox gor-residenza sabu wiehed u erbghin kelb. Dawk il-klieb li kienu go gageg kienu ta' zewg metri bi tlett metri.[14] Kont ix-xhud il-kundizzjoni tal-klieb kienet mankanti.

*"…il-grooming taghhom ma tantx kien wiehed tajjeb. Jigifieri pjuttost sibthom ftit mahmugin…. Specjalment tal-gaggi."*[15]

Minn ezami tal-klieb gewwa d-dar u dawk li kienu gol-gageg ikkonkludiet li bhala *body score* u *grooming* ghal dawk li kienu joqghodu gewwa d-dar kien tajjeb, fil-waqt li dawk mizmumin fil-gageg kien fqir. Ix-xhud ikalkolat li *"kien hemm bejn twenty five, bejn twenty five gol-gageg zgur."*[16]

Ix-xhud esebiet rapport maghmul flimkien ma' kollega taghha, Aaron Gatt, dwar dak li kkonstatat fl-ispezzjoni tat-30 ta' Marzu 2019.[17]

Mir-rapport jirrizulta:

*"The house was full of dog's barking, some locked in the kitchen, some in bedrooms and some roaming in the house. The bigger lot were locked in cages in the garage. All*

[13] Folio 72 ta' l-atti processwali
[14] Folio 74 ta' l-atti processwali
[15] Folio 75 ta' l-atti processwali
[16] Folio 79 ta' l-atti processwali
[17] Dok EC1, Folio 80-95 ta' l-atti processwali

*the house was full or urine and excrement accompanied with foul smell. Mr Vella said that he is waiting for a foreign (Arab) person to get his Visa to start working with him as a dog carer. He even showed us the papers and relevant documents."*[18]

Illi tul il-mori tal-procedura ma tressqitx prova li l-imputat impjega lil xi hadd sabiex jiehu hsieb jew jassisti fil-kura ta' l-annimali.

Mir-ritratti esebiti jirrizulta dehra ta' post nieqes mill-bzonnijiet necessarji ghall-klieb. Il-post fejn kienu qeghdin jinzammu l-klieb huwa mahmug, disorganizzat u sensiela ta' gageg mahluqin b'hafna klieb imsakkrin fihom. Illi certament jekk dawn il-klieb li kienu qeghdin jinzammu go dawn il-gageg granet shah kienu xi darba klieb li jikkompetu, ma huwiex xieraq ghalihom li issa li ghaddilhom *il-prime* ta' hajjithom jigu mizmuma f'dawn il-kondizzjonijiet.

Mir-ritratti gewwa d-dar residenzjali, jidhru klieb iduru mad-dar fil-liberta. Filwaqt li s-sitwazzjoni gewwa d-dar mhijiex hazina daqs dawk mizmumin fil-gageg gewwa l-garaxx, mir-ritratti jidher il-hmieg ta' l-annimali fuq il-madum f'diversi partijiet tad-dar.

Ix-xhud Aaron Gatt li akkumpanja lix-xhud Elaine Camilleri fuq l-ispezzjoni tat-30 ta' Marzu 2019 ikkonferma u kkorobora dak kollu li kienet xehdet il-kollega tieghu. Zied ukoll li kien hemm hafna inbieh ta' klieb u storbju minhabba f'hekk. *"Barra minn hekk nista' nghidlek li kien hemm hafna hmieg tall-klieb, hafna urina li bil-kemm stajna nimxu."*[19] Ix-xhud stqarret ukoll li kien hemm klieb li kellhom *"good body score."*

Ghar-rigward il-manutenzjoni tal-post fejn kienu qed jinzammu l-klieb, ix-xhud qal li *"ma kienx xi ambjent ideali ghax kif qed nghidlek anqas stajna nimxu bil-*

[18] Folio 81 ta' l-atti processwali
[19] Folio 98 ta' l-atti processwali

*hmieg li kien hemm. Tista' timmagina. Heqq barra minn hekk li kienu klieb peluzi kellhom is-suf taghhom maqghud, jigifieri, mhux kurati kif suppost."*[20]

Illi mix-xhieda ta' Fiorita Sammut irrizulta li kienet marret spezzjoni fir-residenza ta' l-imputat nhar is-27 ta' Settembru 2019. F'din l-ispezzjoni gie ikkonstatat rapport li gie esebit mix-xhud. Din l-ispezzjoni kienet *follow up inspection* sabiex jaraw jekk kienx hemm kambjament fis-sitwazzjoni. Irrizulta li l-affarijiet ma marrux ghall-ahjar u *"ma tranga xejn mill-ewwel darba ghat-tieni darba."*[21]

Ix-xhud esebiet primi noti[22] ta' l-ispezzjoni kif ukoll rapport dwar is-spezzjoni li saret nhar is-27 ta' Settembru 2019.[23]

Illi f'dan ir-rapport irrizulta li r-rapport dwar il-klieb li kien qed izomm l-imputat dahhal fil-21 ta' Frar 2019. Meta marru ghall-ispezzjoni nhar is-27 ta' Settembru 2019 sabu tnejn u hamsin kelb. Uhud minn dawn il-klieb kienu mizmumin gewwa d-dar iduru u ohrajn maqfulin go gageg.

Dawk il-klieb mizmumin gewwa d-dar *"were found to be healthy and some of them with eye problems due to their elderly age."*[24]

Fir-rigward dawk il-klieb mizmumin fil-gageg irrizulta li l-post kien fi stat ta' hmieg minkejja li kien hemm ikel u ilma. L-imputat inghata l-istruzzjoni *"not to let the dogs in the cages as the cages were small, and to put only two dogs at every pen. Mr A. Vella said that he was going to remove the dogs from the cages."*

Finalment l-imputat kien ordnat sabiex inaddaf il-post fi zmien tlettax il-gurnata u b'spezzjoni ohra ppanajata ghal-10 ta' Ottubru 2019.[25]

[20] Folio 100 ta' l-atti processwali
[21] Folio 172-173 ta' l-atti processwali
[22] Dok FS2, Folio 178 ta' l-atti processwali
[23] Dok FS1, Folio 102-139 ta' l-atti processwali
[24] Folio 103 ta' l-atti processwali
[25] Folio 104 ta' l-atti processwali

Mir-ritratti esebiti jirizulta li kien hemm diversi gageg maghmula ghall-post bi klieb imsakkrin fihom f'gruppi u li ma kellhomx hafna spazju fejn jiccaqalqu. Illi gewwa d-dar residenzjali ta' l-imputat gew esebiti ritratti fejn jidhru numru konsiderevoli ta' klieb idduru mad-dar.

Illi nhar il-10 ta' Ottubru 2019 kien hemm it-tielet spezzjoni ghand l-imputat. F'din l-ispezzjoni xorta irrizulta li kien hemm nuqqasijiet. *"From the Animal Welfare Point of View, most of the dogs were found with tangled coat which shows a means a neglect from Mr Vella's part which we pointed out.*

*No matter how much they claim they are cleaning the place, still the stench and bad smell of urine can be inhaled.*

*The three pens inside the garage, mentioned above can only hold the capacity of one dog each. We clearly pointed that out to Mr Vella and asked him whether it was possible to keep the dogs running around in the garage, and instructed him to remove the dogs from the pens immediately. He immediately removed them and took them upstairs."*[26]

Ir-rapport jikkonkludi li in vista ta' dak kollu li kkonstataw 'il quddiem ser issir spezzjoni ohra minghajr avviz.

Illi mix-xhieda ta' Malcolm Vella Haber irrizulta li kien attenda ghall-ispezzjonijiet nhar is-27 ta' Settembru 2019 u l-4 ta' Frar 2020 u ikkorobora dak kollu li xehdet Fiorita Sammut. Ix-xhud sostna wkoll li kien hemm riha qawwija ta' awrina tal-klieb u *"kien hemm diversi postijiet fl-istess dar illi l-kondizzjonijiet ma kienux igenici specjalment fil-kcina, il-hitan u diversi bicciet ta' ghamara, il-bitha u l-bejt. Emm kien hemm ukoll e gagga li kienet qed tinzamm fuq il-bejt illi fiha kien hemm ammont sostanzjali ta' akkumulu, hmieg akkumulat."*[27]

[26] Folio 127 ta' l-atti processwali
[27] Folio 114-115 ta' l-atti processwali

Ix-xhud zied ukoll illi fit-tmiem taz-zjara hargulu Avviz ta' Tnehhija skond l-Att Dwar is-Sahha Pubblika fejn gie ordnat jaghmel it-tindif necessarju u li jekk ma jobdix din il-ordni, jinbdew proceduri penali kontrih.

Meta rega mar fuq spezzjoni fl-4 ta' Frar 2020 xorta sabu nuqqasijiet u li dak kollu li gie nnottat fis-spezzjonijiet ta' qabel ghadu jippresisti sallum.

*"Tant hu hekk illi hrigna ergajna abatement notice ohra."*[28]

Illi f'din l-Avviz ta' Tnehhija gie ordnat sabiex fi zmien tmienja u erbghin siegha inaddaf u jiddizinfetta d-dar u jaghmel ix-xogholijiet necessarji. Din saret *"minhabba l-fatt li ergajna sibna ammont sostanzjali ta' hmieg ta' klieb fuq il-bejt, hitan mahmugin, it-tarag mahmug. Jigifieri s-sitwazzjoni ma kienet tajba xejn, riha qawwija, l-garaxx."*[29]

Ix-xhud esebixxa sensiela ta' ritratti li kienu juru l-post in kwistjoni sa dik il-gurnata tas-smiegh tal-kawza kif ukoll kopja ta' l-istess Avviz ta' Tnehhija.[30]

Mix-xhieda tat-tabib Dr. Luke Vella Verzin ikkorobora l-fatti dwar l-ispezzjoni tas-27 ta' Settembru 2019. Zied ukoll li l-gageg kienu tal-hadid u *"kellhom chicken wire ukoll fuq kollox u kien vera perikoluz dan ic-chicken wire, kien ippuntat, maqsum, imsaddad, kien mimli hmieg ta' snin, snin twal jingema maghhom u dan ghidnilu speci."*[31] Illi din is-sitwazzjoni ippersistiet anke fis-spezzjonijiet l-ohra kollha li saru.

Mix-xhieda ta' Joseph Cassar[32] irrizulta li kien attenda l-ispezzjonijiet tas-27 ta' Settembru 2019 u ta' l-10 ta' Ottubru 2019. Fix-xhieda tieghu jikkorobora u jikkonferma l-fatti li xehdu l-kollegi tieghu. Illi x-xhud Silvania Cassar

[28] Folio 116 ta' l-atti processwali
[29] Folio 118 ta' l-atti processwali
[30] Dok MH1, MH2, MH3, Folio ta' l-atti processwali
[31] Folio 182, 252-258 ta' l-atti processwali ta' l-atti processwali
[32] Folio 187-190 ta' l-atti processwali

Gauci[33] kienet attendiet ghas-spezzjoni ta' l-10 ta' Ottubru 2019 u ikkoroborat u ikkonfermat l-istess fatti. Ix-xhud Stephen Carabott[34] kien attenda ghal l-ispezzjoni tas-27 ta' Settembru 2019, u hu wkoll ikkorobra u ikkonferma l-fatti tal-kollegi tieghu. Meta rega xehed nhar id-29 ta' Settembru 2020[35] ikkonferma li ftit jiem qabel, cioe fit-22 ta' Settembru 2020 kien rega ghamel spezzjoni fejn gew sekwestrati sebat iklieb minn fuq il-post. Fil-mori tal-procediment, l-imputat telaq mir-residenza tieghu gewwa z-Zejtun u mar jirrisjedi gewwa residenza go Birzebbuga fejn hemmhekk l-imputat ha xi klieb mieghu u m'ghadhomx jinzammu go gageg u sa issa jinstabu f'kondizzjoni tajba.

Ix-xhud Kevin Galea[36] stqarr li saru diversi spezzjonijiet fis-6 ta' Gunju 2016, fl-1 ta' Awissu 2017, fil-11 ta' Dicembru 2017, fis-26 ta' Gunju 2018, fid-19 ta' April 2018, fis-16 ta' April 2018, fit-8 ta' Lulju 2018, fis-26 ta' Settembru 2019, l-10 ta' Ottubru 2019 u l-4 ta' Frar 2020 fir-residenza ta' l-imputat. Ix-xhud ikkonferma dak li kien gie ikkonstatat fir-rapporti esebiti u dak li xehdu l-kollegi tieghu dwar il-maltrattament ta' l-annimali li kienu fir-residenza ta' l-imputat. Ix-xhud stqarr li s-sitwazzjoni trangat biz-zmien izda xorta kien ghad hemm nuqqasijiet serji.

Ix-xhud Saviour Gauci[37] attenda ghas-spezzjonijiet ta' Frar u Settembru 2019. Ix-xhud ikkonferma li minkejja l-istruzzjonijiet li kienu taw lill-imputat sabiex jirranga u jtejjeb is-sitwazzjoni, l-imputat baqa' inadempjenti u meta regghu marru sabu l-istess affarijiet.

[33] Folio 191-195 ta' l-atti processwali
[34] Folio 196-201 u 267-268 ta' l-atti processwali
[35] Folio 152-158 ta' l-atti processwali
[36] Folio 208-223 ta' l-atti processwali
[37] Folio 224 – 229 ta' l-atti processwali

Ufficjal iehor, Saviour Farrugia[38] jikkorobora l-istess fatti dwar is-seba' w erbghin kelb li nstabu fil-gageg u mqassmin f'diversi kmamar

Ix-xhud Jesmond Grima[39] stqarr li huwa gar ta' l-imputat. Ix-xhud, fil-passat, kien ghamel diversi rapport kemm mal-pulizija u kemm ma entitajiet ohra dwar l-inbiegh tal-klieb u l-irwejjah jintnu li kienet tohrog mir-residenza ta' l-imputat. Din is-sitwazzjoni kienet ilha ghadejja xi sentejn u sal-gurnata tax-xhieda tieghu kienet ghadha tipersisti u tohloq inkonvenjenza u dwejjaq ghalih.

*"… la nistghu nifthu, il-girien, la nistghu nifthu t-tieqa ghal gol-kcina, u lanqas nohorgu barra, jigifieri, fuq il-patio, jew inkella fil-gnien, ma nistghux."*[40]

Ix-xhud Angelo Gravina[41] li wkoll hu wiehed mill-girien ta' l-imputat ikkonferma l-istess fatti tax-xhud Jesmond Grima.

*"Jien, l-iktar li kien idejjaqni, mhux l-inbiegh tal-klieb, li per ezempju, ghadni sallum, anke gew in-nies, bhall-avukati, gew gol-bitha tieghi, jien ghandi l-bitha maghluqa, ghad hemm ir-riha gejja, u ma nistax…riha ta' bewl tal-klieb u ghadni ma nistax niftah il-bieb tal-bitha jiena, bil-bieb tal-bitha maghluq, ghadni sallum."*[42]

Grace Vella[43] li hija wkoll gar ta' l-imputat stqarret ukoll li r-riha ta' l-awrina tal-klieb kienet tkun qawwija hafna u jinxtamm minn fuq il-bejt taghha kull meta tohrog fuqu u lanqas tista tonxor fuqu minhabba din ir-riha inkrepattiva. Vella qalet ukoll li l-inbiegh tal-klieb jibda hekk kif iqumu u li din is-sitwazzjoni jitollera s-sitwazzjoni tal-klieb ilha ghaddejja madwar tlett snin.

---

[38] Folio 269-274 ta' l-atti processwali
[39] Folio 230-234 ta' l-atti processwali
[40] Folio 233 ta' l-atti processwali
[41] Folio 235-241 ta' l-atti processwali
[42] Folio 236 ta' l-atti processwali
[43] Folio 238-241 ta' l-atti processwali

Gar iehor ta' l-imputat, Leon Vella[44] ikkonferma li l-inkonvenzja li nhalqet lill-girien kienet ghadha tippersisti sal-gurnata tal-llum. Minkejja li kemm il-darba kienu jitolbu lill-imputat sabiex inaddaf wara l-klieb u jikkontrollha l-ibiegh ecessiva, xorta baqa' inadempjenti.

L-imputat Antonio Vella[45] ghazel li b'mod volontarju u minghajr kundizzjoni jaghti x-xhieda tieghu viva voce. L-imputat wera lill-Qorti tnax (12) d-dokumenti originali li jirraprezentaw il-vaccini li nghataw lill-klieb tieghu. Skond il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2020[46], id-difiza ta' l-imputat obbligat ruha li tipprezenta vera kopja ta' l-istess *records*, b'kopja lill-prosekuzzjoni. Dawn gew sussegwentement esebiti permezz ta' nota.[47]

L-imputat esebixxa wkoll konvenju ta' xiri ta' propjeta mill-imputat gewwa Birzebbuga li sar fis-7 ta' Frar 2020.[48] Illum il-gurnata mar jghix hemm u ha mieghu madwar erbghin kelb. Gie esebit ukoll sensiela ta' certifikati tal-*Malta Kennel Club* li rebahhom l-imputat fis-snin bejn 2014 sa 2017 ghal-kompetizzjonijiet tal-klieb tieghu.[49]

L-imputat jispjega li parti mill-problema li kellu kien li akkumula ammont ta' klieb li skond hu kienu *"past their age"* ghaliex fejn normalment jghixu sa erbatax il-sena, kien hemm minnhom li kienu ghadhom hajjin u peress li ma xtaqx li irraqadhom qabel iz-zmien, ihallihom imutu mewta naturali. L-imputat ikkonferma wkoll li *"qisek ghandek forty per cent, fifty per cent huma past the showing, the showing, irtirati ha naghmlu hekk."*[50]

---

[44] Folio 242-245 ta' l-atti processwali
[45] Folio 276-287 ta' l-atti processwali
[46] Folio 275 ta' l-atti processwali
[47] Dok AV2, Folio 293-317 ta' l-atti processwali
[48] Dok AV1, Folio 288-292 ta' l-atti processwali
[49] Dok AV2, Folio 293-317 ta' l-atti processwali
[50] Folio 283 ta' l-atti processwali

Illum il-gurnata l-klieb huma mizmumin gewwa residenza gdida fejn ghandhom iktar spazju u skond l-imputat, mill-ispezzjonijiet li sarulu gie kkonstatat li dawn il-klieb huma kuntenti.

Bhal xhud tad-difiza, l-imputat ressaq lit-tabiba Dr. Rachel Borg Grech li esebiet sensiela ta' dokumenti li juru vaccini li nghataw lill-klieb.[51]

**Ikkunsidrat**

Jibda biex jinghad li l-imputazzjonijiet kollha jirreferu ghall-25 ta' Frar 2019 "u ghall-granet ta' qabel". In kwantu l-imputazzjoni tirreferi ghax-xhur *ta' wara*, tali parti tal-imputazzjoni ma tistax tigi kkunsidrata, in kwantu tirreferi ghal akkadut li sehh wara li nharget l-imputazzjoni.

F'kull kaz, ma jidhirx li kien hemm xi divergenza bejn l-istat ta' fatt fi Frar 2019, u "x-xhur ta' wara", tant li l-addetti tal-Animal Welfare, u x-xhieda li kellhom sehem f'dan il-kaz, kollha jikkonfermaw li l-annimali kienu u baqghu fl-istess stat.

Effettivament, mill-fatti mressqa mhuwiex kontestat li l-annimali kienu qeghdin jinzammu f'kundizzjonijiet mhux adegwati b'konsegwenza kbira ghall-girien tal-imputat. Filwaqt li kien hemm uhud mill-annimali li kienu qeghdin jinzammu gewwa li kellhom *body score* adegwat jirrizulta li xorta kienu jghixu f'kundizzjonijiet mhux adegwati b'nuqqas ta' igene u ndafa. Fil-fatt, fir-rapport ta' Frar 2019 jirrizulta li l-klieb kollha kellhom, bejn wiehed u iehor, *body score* accettabbli, izda li l-kundizzjonijiet tal-igene, tal-gageg, u taz-zamma taghhom, kienu lil hinn minn accettabbli.

Il-kompitu ta' din il-Qorti issa huwa sabiex tevalwa jekk dan jekwivalax ghal maltrattament ta' l-annimali. Il-Qorti tibda biex tinnota li l-kaz odjern huwa differenti minn ohrajn minhabba n-numru konsiderevoli ta' klieb li

[51] Dok RBG1, Folio 319 ta' l-atti processwali

jikkoncerna u l-kundizzjonijiet ta' kif hafna minnhom kienu qeghdin jinzammu. Il-Qorti taghraf li l-imputat kien ben konxju tal-mod kif kien qed izomm dawn l-annimali u dan iktar u iktar fid-dawl li, *ex admissis*, kien irabbi klieb *pedigree* biex sahansitra jikkompeti bihom. M'hemmx dubju li persuna li trabbi annimali ghall-kompetizzjoni taf tajjeb li ghandhom jinzammu fi stat impekabbli, altru mill-istat li fih kienu qed jinzammu l-klieb mertu ta' din il-kawza.

Jidher li biz-zmien, l-imputat tilef il-kontroll dwar il-mod kif ghandu imantni dawn l-annimali, b'sitwazzjoni li tant iddegenerat li l-irwejjah kienu tant qawwija li l-ebda mill-girien ma setghu igawdu l-propjetajiet taghhom stess.

Il-Qorti, filwaqt li ma tarax l-estremi ghas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni, tqis li m'hemmx dubju li jirrizultaw it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni. Fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, japplika l-artikolu 45 (1) (a) tal-Kap. 439 filwaqt li anke fir-rigward tar-raba' imputazzjoni (b'applikazzjoni tar-regolament 8 tal-istess LS 439.21) japplika wkoll l-istess artikolu 45 (1) (a).

Il-Qorti tqis li ghalkemm l-imgieba tal-imputat tikkonfigura f'dawn it-tliet imputazzjonijiet, l-imgieba hija madankollu <u>wahda</u> u ghalhekk, l-imputazzjonijiet ghandhom jittiehdu bhala alternattivi wahda ghall-ohra.

Mill-banda l-ohra, fir-rigward tal-hames imputazzjoni, ossija dik taht il-L.S.437.101, a tenur tar-regolament 11 tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja, il-piena hija dik ta' €300. Il-Qorti tqis li anke din l-imputazzjoni tirrizulta prattikament mhux kontestata.

L-imputat naqas ghal kollox u abdika mir-responsabilita tieghu lejn il-harisen u l-htigijiet ta' l-annimali u dan fuq perjodu twil ta' zmien – anke jekk l-imputazzjonijiet jirreferu biss ghal kwistjoni ta' granet. Minkejja n-numru ta' spezzjonijiet u ordnijiet mill-Awtorita' sabiex jiehu azzjoni tempestiva, l-

imputat xorta baqa' inadempjenti li jhares il-htigijiet ta' l-annimali fil-kustodja tieghu. L-imputat kellu jara li l-klieb ma jkunux nieqsa minn spazju imdaqqsa fejn iduru, ma jinzammux go gageg zghar li kienu perikoluzi u mhux adegwati, ikun hemm indafa u igene, jara li jinghataw kura medika u *grooming*, jinghataw l-vaccini mehtiega, ezercizzju, attenzjoni u akkomodazzjoni xierqa. Fir-rigward ta' dan kollu, l-imputat evidentement naqas.

Per konsegwenza ta' dan kollu, l-annimali thallew jghixu f'kundizzjonijiet mhux xierqa, fil-hmieg, u mchaddin minn affarijiet bazici li ghalihom huma dependenti ghal kollox mill-imputat li jipprovdihomlhom. Illi li kieku ma kienx ghal intervent ta' l-awtoritajiet, l-imputat qatt ma kien ser jiehu l-mizuri necessarji sabiex ihares l-aqwa interess taghhom u l-istess klieb kienu jlestu l-kumplament ta' hajjithom f'dawn il-kundizzjonijiet.

Illi finalment kellha tkun l-azzjoni ta' l-awtoritajiet li harset l-interessi ta' l-annimali u minkejja li l-imputat wera lill-Qorti azzjonijiet li kien ha lejn il-klieb li kien fadallu dawn kien 'il-boghod mir-rekwiziti necessarji sabiex jikseb il-fiducja tal-Qorti li ghandhu ikun fdat bil-kustodja ta' annimali.

Illi filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li fil-mori tal-proceduri l-imputat biegh id-dar fejn kien qed jirrisjedi, xtara dar ohra u garr mieghu madwar erbghin kelb din l-Qorti lanqas m'hi sodisfatta li l-azzjoni li ha fil-mori tal-kawza ghandha tezonerah ghal dak li wettaq fil-passat.

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li dan kollu jsarraf fi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 439 u Ligi Sussidjarja tal-493.21 li huma intizi sabiex jaghtu protezzjoni lill-annimali minn dan l-agir.

Il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u sejra tghaddi sabiex issib l-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih salv ghall-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Traskuragni kbira fil-harsien u protezzjoni ta' dawn il-klieb iktar u iktar meta kienu jintuzaw sabiex jikkompetu f'kompetizzjonijiet u imbaghad wara li ma kienux ikunu ghadhom fl-aqwa zmien taghhom gew skartati sabiex ikomplu l-bqija ta' hajjithom f'kondizzjonijiet li jekwivalaw biss ghal zamma inadegwata. Uhud minn dawn il-klieb gew intuzati ghas-sodisfazzjoni ta' l-imputat li kien jikkompeti bihom u jirbhulu l-medalji. Hija iktar u iktar kundanabbli li wiehed jara li wara li dawn il-klieb 'servew' l-uzu taghhom gew minsija b'dan il-mod sabiex iqattghu l-ahhar snin ta' hajjithom f'dawn il-kundizzjonijiet.

- Illi kif qal wiehed mix-xhieda stess *"illum il-gurnata, bl-awareness li ghandna u bil-way forward, kif ghandhom jinzammu l-annimali, m'ghandhix tkun gustifikata li jinzammu hekk."*[52]

- Il-Qorti qieset ukoll li l-istess Direttorat tal-Harsien ta' l-Annimali ikkomettiet li jekk l-annimali kollha jigu konfiskati, ikunu jistghu jaghtuhom post ta abitazzjoni u hajja gdida fl-NGO's li jharsu l-annimali.[53]

[52] Folio 206 ta' l-atti processwali
[53] Folio 207 ta' l-atti processwali

- Il-Qorti tiehu konjizzjoni ghall-fatt li l-imputat ghamel tentattivi sabiex jindirizza n-nuqqasijiet kollha u ttejjeb is-sitwazzjoni tal-klieb. Madankollu, il-progress sar bil-mod u xorta ippersistu nuqqasijiet serji li qatt ma gew indirizzati.

- Huwa ta' preokkupazzjoni lil din il-Qorti, u jitfa dell ikrah fuq il-passatemp ta' min irabbi u jdahhal il-klieb f'kompetizzjonijiet li tezisti realta' kerha dwar it-trattament ta' dawn l-annimali wara li ma jibqghux jigu uzati ghal dawn il-kompetizzjonijiet u ma jibqghux fl-aqwa zmien taghhom. Illi mill-provi hareg li sakemm dawn il-klieb kienu ghadhom ta' kwalita u eta' tajba ghall-kompetizzjonijiet kienu jinghataw kura u trattament tajjeb, izda wara li ghadda l-ahjar zmien taghhom gew konsenjati ghal hajja gol-gageg, minghajr attenzjoni adegwata. Illi ebda annimal m'ghandu jigi skartat b'dan il-mod u f'ghajnejn il-Qorti jammonta ghall-ksur tal-ligi applikabbli.

- Minkejja l-fatt li l-imputat illum m'ghadux zaghzugh, huwa qatt ma messu halla s-sitwazzjoni tiddegrada b'dan il-mod u, jekk xejn, qatt ma messu zamm ammont kbir ta' klieb gewwa daru li ma kienetx attrezzata biex tilqaghhom. Din il-Qorti m'ghandhiex dubju li, anke jekk xi darba seta' kien kapaci, illum l-imputat mhuwiex kapaci jzomm u jiehu hsieb il-klieb wahdu. Di piu', in-nuqqasijiet tieghu lejn l-annimali tieghu stess, kienet qed tohloq inkonvenjent lill-girien tieghu li qatt ma setghu igawdu d-djar taghhom fis-shih minhabba l-irwejjah qawwija li kien hemm u l-inbiegh kontinwu ta' ftit anqas minn hamsin kelb.

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija netta u ghalhekk ser jigi kkunsidrat li ser tinstab htija ghall-ewwel darba skont l-artikolu 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.[54]

- L-imputat ghalkemm kkoopera fil-prezenza ta' l-awtoritajiet kull meta gew jaghmlulu l-ispezzjonijiet kemm pjanati kif ukoll bhala sorpriza, qatt ma ghamel dak mitlub minnhom bejn spezzjoni u ohra sal-grad rikjest mill-ufficjali.

- Illi l-imputat qatt ma wera ebda rimors ta' ghemilu u minkejja l-passjoni tieghu li jdahhal klieb f'kompetizzjonijiet qatt ma wera thassib ghall-fatt kif kienu jispiccaw trattati b'dan il-mod fl-ahhar snin ta' hajjithom.

- Illi dawn l-illegalitajiet certament twettqu fuq medda ta' zmien u ma kienux dovuti ghal xi att izolat. Minkejja dan il-Qorti taghraf li l-imputazzjoni kif dedotta tirreferi ghall-"*25 ta' Frar 2019 u ghall-granet ta' qabel*". Certament ghalhekk, l-imputazzjoni kif postulata tista' tirreferi biss ghal ftit granet, u mhux xi xhur jew snin. Minkejja dan, il-Qorti ssib applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Ittiehdet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat kien ghamel perjodu twil irabbi u jiehu hsieb il-klieb u ghalhekk kien jaf jew messu kien jaf tajjeb li t-trattament li kien qed jaghti lill-klieb tieghu ma kienx wiehed xieraq u adegwat u li kien biss sforz ta' l-intervent ta' l-ufficjali kif ukoll mizuri

[54] Folio 4 ta' l-atti processwali

legali ohrajn li dawn l-istess annimali gew salvati u twaqqaf il-maltrattament taghhom.

- Madankollu l-Qorti tara li piena karcerarja b'effett immedjat fuq l-imputat mhix ser thalli r-rizultat mistenni. Illi f'dan il-kaz, il-Qorti tara li l-piena pekunarja maghduda ma piena ta' prigunerija sospiza, hekk kif tiprovidi il-ligi u hekk kif il-gurisprudenza lokali f'dawn il-kawzi tindika, tkun iktar idoneja u ta' detterrent ghal dan it-tip ta' maltrattament fuq annimali kif ukoll li l-imputat ikun projbit li izzom aktar klieb.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(2),(3)(4) u 45(1)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament (1)(2)(3), kif ukoll l-Iskeda (Regolament 4) tal-legislazzjoni susidjarja 493.21 [Regolamenti Dwar Iz-Zamma tal-Klieb] u Regolament 5(2)(10)(11) ta' legislazzjoni sussidjarja 437.101 [Regolamenti Dwar L-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb], l-artikolu 17(b), 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Anthony Vella **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannahom **sentejn prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin millum u **multa kumplessiva ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000)** pagabbli fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna li l-annimali kollha li jissemmew fir-rapporti maghmula mid-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, Promozzjoni u Servizzi

jghaddu immedjatament taht il-kustodja tal-istess Dipartiment. Dan id-Dipartiment qed jigi awtorizzat, f'kaz li jigi deciz minnu li tali annimali ma jistghux jinzammu minnu, li permezz ta' talba maghmula appozitament jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex l-annimali kkoncernati jew xi wiehed minnhom jghaddu fl-affidament ta' terzi.

Fil-konfront ta' l-ispejjez maghmula mid-Dipartiment ghas-Servizzi Veterinarji bhala rizulta ta' dan ir-reat, din il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 45(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 16(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Ligijiet ta' Malta peress li tali spejjez baqghu ma gewx ikkonfermati bil-gurament mid-dipartiment ikkoncernat u lanqas ma gew ikkwantifikati fl-intjier taghhom.

Inoltre` ai termini tar-Regolament 5(9) tar-Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S. 437.101), l-imputat qed jigi projbit milli jkollu jew irrabi kelb jew milli japplika għal xi licenzja oħra ta' kelb għal zmien hamsa u ghoxrin (25) sena mil-lum.

**Moghtija illum nhar it-12 ta' Ottubru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**